MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru 832/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Agius)**

**v**

**Philip Cauchi iben Joseph u M. Concetta nee Psaila imwieled Pieta‘ fis-7 ta‘ Awissu, 1976 detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 439277 (M) u joqghod Blk X3, Flat 3, Triq id-Deheb Fin, Qormi.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Philip Cauchi li gie akkuzat talli fl-10 ta‘ Ottubru, 2003 u fil-granet ta‘ qabel gieghel annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn billi halla l-velenu tal-bebbux ma‘ ikel tal-qtates cioe klamari u kkaguna l-mewt ta‘ wiehed minnhom

jew aktar bi ksur tal-artikolu 8(2) u artikolu 45 tal-Kapitlu 439 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li fi stadju ta‘ interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba htija u cioe:

8(2) u 45 tal-Kapitlu 439 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li moqrija l-artikoli ma kienx hemm min-naha ta‘ l-akkuzat ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta ben pruvat mix-xhieda kemm ta‘ l-Ispettur Agius, kif ukoll ta‘ Rohna Vella u Dr Chetcuti Ganado illi numru ta‘ qtates tat-triq gew avvelenati bil-velenu tal-bebbux.

L-istess akkuzat kemm fl-istqarrija minnu rilaxxata kif ukoll fix-xhieda tieghu viva voce ammetta li kien hu li ghamel il-velenu lil dawn il-povri qtates. Ta anke spjegazzjoni ghal din azzjonitu ta‘ kattiverja assoluta. Viva voce differentement mill-attitudni li ha fl-istqarrija xehed li hu kien ghaddej minn zmien hazin, pressure ta‘ tieg u post. Min-naha l-ohra fl-istqarrija ma qal xejn minn dan kollu, stqarr biss illi ma riedx hmieg go hwejgu galadarba dawn il-qtates kienu qeghdin mitmugha gol-gnien tieghu minn mara Ngliza gia xhud f’din il-kawza.

Ikkonsidrat

Illi hija l-fehma ta‘ din il-Qorti u m’ghandha ebda dubju fuq hekk li tiddikjara bhala hati lill-akkuzat skond l-artikolu lilu

addebitati u cioe 8(2), 45(a) tal-Kapitlu 435 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma tistax ukoll ma tesprimix stmerrija fil-konfront ta' l-azzjoni ta' l-istess akkkuzat ghaliex wera kattiverja kbira lejn dawn il-povri qtates li konsegwentement mietu mewta ttorturata tant li anke sofrew konvulsjonijiet dan kif xehed l-istess veterinarju.

Tikkundannah ghal multa ta' elf lira Maltija (Lm 1000). Wara li rat l-artikolu 14(2) tal-Kapitlu 9 il-multa ghandha tithallas b'rati mensili ta' hamsin lira (Lm 50) b'dan illi jekk jitfalla pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit f'habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------